# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Gużepp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt


**14/19**

**L-erbatax (14) -il laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, nhar it-Tnejn 2 ta' Settembru 2013 fil-6.30 ta' filgħaxija**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Stephen Sultana | - | Sindku |
| | Is-Sur Jonathan Brimmer | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Silvio Vella | - | Kunsilliera |
| | Is-Sur Jason Mangani | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Elizabeth Vella | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Kunsillier ~~(19.25)~~ daħal għal-laqgħa fis-7.25 pm |
| | Is-Sur Darren Carabott | - | Kunsillier |
| | | | |
| | Is-Sur Ranier Busuttil | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

**Aġenda:**

1. ***Talba***
2. ***Qari u Approvazzjoni tal-minuti 12/19 u 13/19***
3. ***Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti 12/19 u 13/19***
4. ***Korrispondenza***
5. ***Skeda ta pagamenti: Approvazzjoni***
6. ***Ilmenti***
7. ***Ordnijiet tal-Ġurnata***
    a. ***Stemma tal-Kunsill***
8. ***Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati***
9. ***Komunikazzjoni mis-Sindku***
10. ***Aġġornament***

1 Il-laqgħa bdiet fil-6.30 ta' filgħaxija.

2. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Il-Minuti 12/19 u 13/19 ttieħdu bħala moqrija

2.2 Korrezzjoni tal-Minuti 12/19
2.2.1 Fl-attendenza is-Sur Darren Carabott jiġi mniżżel bħala skużat.

2.3 Korrezzjoni tal-Minuti 13/19
2.3.1 Minuta 4.1 Paragrafu 2 tinqata 'li huwa membru fis-Sotto Kumitat taż-żgħażagħ'
2.3.2 Minuta 8 u minuta 8.1 jiġu Minuta 9 u minuta 9.1 rispettivament.
2.3.3 Tiddaħħal minuta 8 'Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati; u tiżdied ukoll minuta 8.1 'Is-Sindku ppreżenta l-Minuti tal-ewwel laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi.'

2.3.4 Minuta 9 tiġi Minuta 10, filwaqt li minuti 9.1 u 9.2 jiġu 10.1 u 10.2 rispettivament

### 3 *Affarijiet li jitqajjmu mil-minuti*

3.1 Affarijiet li jitqajjmu mil-minuti 12/19

3.1.1 Is-Sindku qal li fuq l-Ark ta' Wignacourt għandna aktar provi u ritratti li juru biċ-ċar li kien jismu Ark ta' Wignacourt. Is-Sur Sultana kompla u qal li qiegħed jiġi ppreparat mandat ta' nibizzjoni.
Fil-Mandat ser jidaħħlu wkoll dokumenti fosthom dak tal-Pulizija fejn juri l-isem ċar kif kien jiġi riferut fil-passat.

3.2 Affarijiet li jitqajjmu mill-minuti 13/19

3.2.1 Minuta 3.1.4 – Is-Sindku qal li il-korsijiet ser jibdew fl-4 t'Ottubru flok id-data preċedenti. Il-Poster ta' dawn il-korsijiet jista jibda jiġi mqassam minn Ħaddiema tal-ETC u magħhom jiddaħħal ukoll avviż fuq it-tilqima.

3.2.2 Minuta 4.3 – Is-Sur Sultana qal li rigward l-insurance il-Kunsill ipproċeda il-kwotazzjoni tac-Citadel. Irridu ninkludu wkoll il-latrina pubblika kif ukoll inġibu stima tal-ġonna sabiex inkunu koperti kontra vandaliżmu u ħsarat.

Is-Sindku qal li fuq id-dwal tal-ġnien għandna proposta mingħand il-Micamed li flok il-globi eżistenti li hemm fi Ġnien Dun Ġorġ Preca, isiru seba' fanali li juru aktar u dehra isbaħ. Il-Micamed qalu li din tista ssir bħala parti mill-kuntratt li għandna bejnietna. Il-prezz ta' dawn il-fanali jiġu jiswew €3,700. Liema ammont ser jinkludi li iżarma li hemm u jagħmel il-ġodda. Dawn il-fanali ser ikunu koperti wkoll b'*insurance vandal proof* minn għand il-kuntrattur li fid-dmir li jibdel meta ssir xi ħsara jew vandaliżmu. Il-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta u jintgħażel il-mudell bl-isem ta' Libra sakemm ikunu koperti bil-kuntratt eżistenti.

3.2.3 Minuta 4.5 – *Car free Day*. Is-Sindku qal li nhar l-Erbgħa ser ikollna l-kontinwazzjoni ta laqgħat informali mal-għaqdiet. Is-Sindku qal li l-isponsor ta' €2,000 ġie aċċettat. Bħalissa qiegħdin nistennew konferma minn għand il-Pulizija li ser jiġu imbgħad naħdmu fuq il-fliers, Car Show, u quddiesa barra, traffic awareness campagn, pony ride u affarijiet oħra li kienu saru fil-proposta oriġinali tagħna.

Is-Sur Darren Carabott ippropona wkoll li tiddaħħal attivita tas-Subbuteo. Is-Sur Vella qal li is-Sotto kumitat tal-Kultura u Wirt Storiku ħareġ bil-proposta li f'Mejju issir attivita kbira bl-isem ta' Awkkadott iffjurit fejn ikun jikkonsisti fuq wirja ta' fjuri, ġebel mill-barrieri. Għalhekk din l-attivita tista tibda tiġi promoted fil-*car free day*. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

3.2.4 Minuta 9.1 – Is-Sur Sultana qal li in-nurses li ser ikunu qegħdin joffru s-servizz tagħhom volontarjament huma s-Sur Alfred Attard. Is-Sinjura Elizabeth Vella ipproponiet ukoll li jkun hemm Maryanne Galea.

Kien hemm qbil li fil-lista ta' min ser jieħu it-tilqima jitniżżlu wkoll dawk tal-Kunsilliera u tal-istaff flimkien mal-ħaddiema tad-Day Centre

### 4 *Korrispondenza*

4.1 Is-Sindku qal li irċevejna korrispondenza biex mill-Kunsill niffurmaw team biex nidħlu fil-kompetizzjoni tal-Boċċi. Kull ma għandna bżonn huwa tlett minn nies. Kien hemm qbil li l-Kunsill jipparteċipa għal dan it-turnament.

4.2 Fondazzjoni Sedqa – Il-Fondazzjoni Sedqa tixtieq li jsir parking bay riservat fi Triq Braille. Il-Kunsill qabel li din it-talba tintbgħat lil Trasport Malta.

**5 Skeda tal-pagamenti Approvazzjoni**

5.1 Il-Pagamenti ġew approvati pero fuq il-pagament numru 283 ta' Schembri Barbros, is-Sur Vella qal li għad fadal xogħol pendenti. Is-Sindku qal li għalissa inżommuh sakemm naċċertaw ruħna li x-xogħol ikun komplut.

**6 Ilmenti**

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 182 sa ilment numru 206. Id-deċiżjonijiet tagħhom huma dawn:

182. Hemm korrispondenza ma' Trasport Malta
183. Refreshing Ħaddiema Assenjati; Tabella Koptasin u Belisha Micamed
184. Nibgħatu l-Contracts manager sabiex jieħu ritratti
185. Ħaddiema Assenjati
186. Mhux Possibli
187. Napplikaw ma' Trasport Malta għal Single Yellow line Contracts manager
188. WSC
189. Jittieħdu ritratti sabiex jintbgħatu Transport Malta
190. WSC
191. Konsultazzjoni mal-ġirien għal aktar kjarifiki
192. Refreshing Ħaddiema Assenjati
193. Koptasin
194. Ħaddiema Assenjati
195. Saret pero nibgħatu l-ħaddiema biex jagħmlu fejn tal-ġwież
196. Il-Kunsill ma jaqbilx
197. Mhux sostenibbli
198. Isem tat-Triq Logografix; No Entry sign Koptasin; Il-bozoz tal-bandli jibqgħu hekk
199. Jittieħdu ritratti mill-Contracts manager
200. Reserved ser issir waħda
201. Koptasin
202. Talba lit-Trasport Malta
203. Enemalta
204. Ittra lit-TM; Contracts Manager jagħmel l-isketċ
205. Ħaddiema Assenjati
206. Enemalta SLT form

206+ Ilment minn Elizabeth Vella rigward garaxx fi Trejqa Fleur de Lys

*Is-Sur Horace J Anastasi daħal għal-laqgħa fis-19.25*

**7 Ordnijiet tal-Ġurnata**

(a) Stemma tal-Kunsill

Is-Sindku qal li fi Frar ta' din is-sena ittieħdet deċiżjoni biex tinbidel l-istemma tal-Kunsill pero sallum il-ġurnata għadna mingħajr risposta. Is-Sindku wera' l-istemma lil Kunsilliera preżenti sabiex jiddeċiedu jekk il-Kunsill għandux jipproċedi fuq l-istess stemma jew inkella jerġa jibda proċess ieħor biex isir disinn differenti.

Il-Kunsill qabel li terġa toħroġ *expression of interest* u il-kriterja itiha il-Kunsill fuq Rakkomandazzjoni tal-Bord. Il-Kunsill jaqbel li l-istemma għandha tikkonsisti f' 75% b'tema tal-

qaddisa Santa Venera u 25% fuq tema kulturali bħal Ħal Kaprat, Misraħ il-Barrieri, Akwidott u oħrajn. Il-Kuluri għandhom ikunu dawk ta' isfar u ikħal.

Is-Sur Anastasi ma qabilx ma din il-proposta li jerġa jibda proċess ġdid.

*Is-Sur Horace J. Anastasi ġie skużat mil-laqgħa fit-20.15.*

Il-Kunsill innomina kumitat sabiex ikollu r-responsabilta li jirrakomanda il-kriterji tal-istemma.
Dan il-Kumitat ser ikun iffurmat minn Dr. Ray Mangion bħala Chairman, Mario Coleiro, Charlie Scerri, Ray Xerri u Albert Brimmer bħala membri

## 8. Minuti ta' Kumitati / Sotto Kumitati

8.1 Is-Sur Silvio Vella ippreżenta l-Minuti approvati tas-Sotto Kumitat tal-Kultura u Wirt Storiku.

8.2 Is-Sinjura Elizabeth Vella qalet li is-Sotto kumitat tal-Ġieħ ser jirreżenjaw is-Sinjura Mary Helen Sciortino, u s-Sinjura Evelyn Farrugia u flokhom ser jidħlu membri s-Sinjura Isabelle Mallia u s-Sur Anthony Attard.

## 9 Kommunikazzjoni mis-Sindku

9.1 Is-Sindku tkellem il-barriers li saru fejn ir-round about fil-bidu ta' Triq il-Kbira San Ġużepp u qal li twaħħlu 10 barriers bir-reklam. Dawn twaħħlu mill-Logografix fejn l-Amministrazzjoni ta' qabel din daħlet f'kuntratt magħhom li jistgħu jitwaħħlu tabelli bir-riklam għal prezz ta' €120 fis-sena il-waħda. Is-Sindku qal li hu tkellem mad-Direttur tal-Logografix fejn dan tal-aħħar aċċertaħ li darboħra ser jinfurma l-Kunsill qabel ma jitwaħħlu.

9.2 Is-Sindku qal li irridu nagħmlu *traffic management* aħjar fi Trejqa Fleur De Lys issa li daqt ser terġa tibda l-iskola. Is-Sindku ippropona li il-Mini buses jibdew jgħaddu kollha minn Triq il-Bir pero kien hemm mistoqsija jekk il-vannijiet jgħaddux minħabba l-wisgħa ta' Triq il-Bir. Kien hemm qbil li nibgħatu l-Contracts manager ikejjel il-wisgħa tat-triq u jgħidilna x'jaħseb fuq dan ir-rigward.
9.3 Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-kamra *traffic management* għal Triq Qormi kantuniera ma Triq il-Brunżar. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel sabiex napplikaw ma Transport malta skont is-site *plan hekk kif ippreżentata.*

## 10 Aġġornament

10.1 L-aġġornament tal-laqgħa ġie iffissat għal nhar it-Tnejn 23 ta' Settembru, 2013 fis-6.30pm.

10.2 Il-laqgħa intemmet fid-8.45pm.

Stephen Sultana
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Ezekuttiv

Ikkonfermati llum, 23/09/2013